MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**ALBERT J. MAGRI**

**ONOR. IMHALLEF**
**TONIO MALLIA**

Seduta tat-28 ta' Mejju, 2010

Appell Civili Numru. 2653/1999/1

**Tessie Ellul u Joseph Ellul**

**v.**

**Dr. Astrid Camilleri**

**Il-Qorti:**

Rat ic-citazzjoni pprezentata mill-atturi fis-6 ta' Dicembru 1999, li taqra hekk:

"Peress illi fis-6 ta' Mejju 1998, l-attrici Tessie Ellul giet operata mill-konvenuta Astrid Camilleri, fl-isptar St. Philip.

“Peress illi minhabba l-htija, nuqqasijiet professjonali, negligenza, imprudenza, traskuragni, nuqqas ta’ tharis tar-regolamenti, u nuqqas ta’ sistema tajba operatorja da parti tal-konvenuta, l-attrici msemmija kellha tigi rikoverata fl-isptar San Luqa fejn giet operata mill-gdid.

“Peress illi bi htija u b’rizultat tan-nuqqasijiet da parti tal-konvenuta, l-attrici garbet dizabbilita` permanenti kemm fil-gisem taghha, kif ukoll hsara ta’ natura psikologika kif jigi spjegat ahjar waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

“Peress li ghal dawn id-danni tahti l-istess konvenuta.

“U peress illi minkejja li giet interpellata biex tersaq ghal-likwidazzjoni u hlas tad-danni kagonati minnha l-konvenuta baqghet inadempjenti.

“Tghid ghalhekk, ghaliex din il-Qorti ghar-ragunijiet premessi, m’ghandhiex:

“1. tiddikjara lill-istess konvenuta responsabbli ghall-hsara fuq il-persuna ta’ Tessie Ellul, u ghad-danni kollha li sofrew l-atturi in konnessjoni mal-operazzjoni li l-istess konvenuta ghamlet lill-attrici Tessie Ellul fis-6 ta’ Mejju 1998 kif fuq spjegat.

“2. tillikwida l-istess danni okkorrendo bl-operat ta’ periti nominandi.

“3. tikkundannha thallas lill-atturi s-somma hekk likwidata u dikjarata bhala dovuta in linea ta’ danni.

“Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittri interpellatorji tat-8 ta’ Jannar 1999 u tal-24 ta’ Ottubru 1999 u tal-Ittra Ufficjali tal-31 ta’ Mejju 1999 u bl-imghaxijiet legali kontra l-konvenuta li tibqa’ ingunta minn issa biex tidher ghas-subizzjoni.”

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuta li in forza taghha eccepiet illi:

“1. Illi l-eccipjenti ma hija responsabbli ghall-ebda hsara u/jew danni li l-attrici tallega li sofriet minhabba l-intervent kirurgiku tal-eccipjenti, f’liema intervent l-eccipjenti ezercitat id-diligenza u l-prudenza rikjesti mil-ligi, u ghalhekk it-talbiet attrici kif dedotti fil-konfront tal-konvenuta ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-istess atturi.

“Salvi eccezzjonijiet ohra.”

Rat is-sentenza moghtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fid-29 ta’ April 2008 li in forza taghha ddecidiet il-kawza:

“......billi tgħid illi l-konvenuta għandha twieġeb għall-ħsara fuq il-persuna tal-attriċi u għad-danni kollha li ġarrbu l-atturi minħabba fl-intervent li l-konvenuta għamlet fuq l-attriċi fis-6 ta’ Mejju 1998, tillikwida d-danni li ġarrbu l-atturi fis-somma ta’ sitta u disgħin elf Euro (€96,000) u tikkundanna lill-konvenuta tħallas lill-atturi s-somma ta’ sitta u disgħin elf Euro (€96,000) flimkien ma’ l-imgħaxijiet b’seħħ mil-lum u l-ispejjeż ġudizzjarji kollha.”

Dik il-Qorti tat is-sentenza taghha wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

“Il-fatti li waslu għal din il-kawża seħħew hekk:

“Fl-1994 lill-attriċi kienet saritilha operazzjoni għat-tneħħija tal-uteru (*hysterectomy*), għalkemm ma tneħħewlhiex ukoll l-għenieqed tal-bajd (*ovaries*). Dak l-intervent kien sar mill-Kirurgu Neville Montanaro Gauci, megħjun mill-konvenuta li hija ġinekologa. Fl-1998 l-attriċi ħasset xi uġigħat u għalhekk marret għand il-konvenuta fi klinika privata. Wara li l-konvenuta għamlitilha xi eżamijiet, fosthom *ultrasound scan*, sabitilha ċistijiet mal-għenieqed. Billi beżgħet illi dawk iċ-ċistijiet setgħu kienu kanċer, il-konvenuta kienet tal-fehma illi kellhom jitneħħew b’kirurġija – *bilateral salpingo-oophorectomy*. L-atturi kieku xtaqu illi l-intervent isir fl-isptar *San Luqa*, iżda, minħabba l-listi tal-isptar, l-intervent ma setax isir qabel xi xhur, u l-konvenuta kienet tal-fehma illi ma kellhomx

jistennew daqshekk. L-intervent għalhekk sar fl-isptar *Saint Philip* fis-6 ta’ Mejju 1998.

“L-intervent sar mill-konvenuta bl-għajnuna tal-Kirurgu Ġinekologu Charles Savona Ventura, li dak iż-żmien kellu aktar esperjenza mill-konvenuta.

“Meta l-konvenuta fetħet żaqq l-attriċi b’dak li jissejjaħ *Pfannenstiel incision* – qatgħa trasversali – sabet illi fiż-żaqq kien hemm ħafna twaħħil (*adhesions*) tal-organi ma’ xulxin u mal-ħajt tal-*pelvis*. Għalkemm kien mistenni li jkun hemm dak it-twaħħil, li ġeneralment jifforma f’pazjenti li tkun saritilhom operazzjoni f’żaqqhom, bħal ma kienet il-*hysterectomy* li kienet saret lill-attriċi fl-1994, il-konvenuta sabet twaħħil aktar milli stenniet, u dan it-twaħħil ippreżentalha diffikoltà waqt l-intervent għax kellha tifred l-organi mwaħħlin – fosthom l-imsaren – sabiex tasal għall-għenieqed.

“Bdiet mill-għanqud tax-xellug, u neħħietu wara li firditu mit-twaħħil ma’ l-imsaren. Ġibdet ukoll xi likwidu mill-għanqud tal-lemin. Billi, iżda, sabet illi fl-organu li neħħiet ma kienx hemm kanċer, u li għalhekk ir-riskju għall-pazjenta minħabba d-diffikoltà mhix mistennija tal-intervent kien akbar mill-benefiċċju li kienet tieħu bit-tneħħija tal-għanqud tal-lemin ukoll, il-konvenuta iddeċidiet li ma tkomplix bl-intervent. F’dan qabel magħha l-Kirurgu Savona Ventura. Għalhekk, wara li qiegħdet *redivac drain* biex jiġbed demm u fluwidi oħra minn ġewwa ż-żaqq, il-konvenuta għalqet il-pazjenta u hekk temmet l-intervent.

“Il-progress tal-attriċi wara l-operazzjoni deher li kien normali; ma kienx hemm sintomi juru xi għawġ. Id-*drain* tneħħa għax ma baqgħux ħerġin fluwidi, u l-attriċi ntbagħtet id-dar fil-11 ta’ Mejju 1998, is-sitt jum wara l-intervent, kif hija l-prattika f’każijiet bħal dan.

“Kollox deher miexi sew sakemm kmieni filgħodu fit-23 ta’ Mejju 1998, sbatax-il jum wara l-intervent, l-attriċi ddaħħlet fl-isptar *San Luqa* bi brim qawwi u uġigħ f’żaqqha u sintomi allarmanti oħra. L-ewwel dijanjosi wara li kienet

eżaminata fid-Dipartiment tal-Emerġenza kienet ta' sadd fl-imsaren (*intestinal obstruction*). Raha wkoll ġinekologu iżda dan kien tal-fehma illi s-sintomi ma kinux juru xi kundizzjoni ġinekoloġika. Intbagħtet fid-Dipartiment tal-Kirurġija, fejn dak il-ħin kien responsabbli l-Kirurgu Michal Spiegowski, *Senior Registrar* fil-*firm* tal-Konsulent Kirurgu Anthony Zammit, u l-eżamijiet li sarulha hemm urew possibbiltà ta' infjammazzjoni madwar il-*pelvis*, u għalhekk saret dijanjosi oħra ta' appendiċite. Wara li komplew jiżviluppaw is-sintomi u bdiet tidher ukoll il-possibbiltà ta' infjammazzjoni fil-marrara (*cholecystitis*), sar *ultrasound scan* li eskluda dik il-possibbiltà. Eventwalment lill-Kirurgu Spiegowski deherlu illi l-attriċi kellha *peritonite* u li kellu jopera fuqha.

"L-operazzjoni nbdiet madwar il-5.00 *p.m.* Il-qatgħa li għamel il-kirurgu din id-darba kienet vertikali u twila, li tagħti aċċess aħjar għall-organi li fuqhom kellu jopera. Billi deherlu illi kien hemm patoloġija ġinekologa wkoll, talab l-għajnuna tal-Kirurgu Ġinekologu Marcus Pace, dak iż-żmien *Senior Registrar* fid-Dipartiment tal-Ġinekoloġija, u t-tnejn li huma ħadu sehem fl-intervent skond l-ispeċjalizzazzjoni tagħhom. Bħal fil-każ tal-intervent li kienet għamlet il-konvenuta sbatax-il jum qabel, f'dan l-intervent ukoll kien hemm diffikultajiet minħabba t-twaħħil tal-organi. Madankollu, x'aktarx għax il-qatgħa vertikali tat aċċess aħjar minn dik trasversali li kienet għamlet il-konvenuta, lill-Kirurgu Pace seħħlu li jneħħi l-għanqud tal-bajd tal-lemin, li kien tħalla hemm mill-konvenuta, u neħħa wkoll dak li deherlu li kien xi fdalijiet mill-għanqud tax-xellug iżda li fil-fatt kien xaħam li nġabar fil-post.

"Dik kienet il-parti ġinekoloġika tal-intervent. Fil-parti kirurġika, il-Kirurgu Spiegowski kien tal-fehma illi kien hemm tiċrita f'parti tal-imsaren (*perforated sigmoid colon*). Deherlu għalhekk illi kellu jaqta' u jneħħi parti mill-musrana; billi, iżda, l-intervent kien wieħed ta' emerġenza, u ma kienx hemm ħin biex il-musrana titħejja minn qabel billi titnaddaf u titbattal minn ġewwa, ma setax iħit flimkien iż-żewġt itruf li fadal. Għalhekk għamel dik li hija magħrufa bħala *Hartmann's procedure*: il-ħalq tal-parti ta' fuq tal-musrana – dik ġejja mill-istonku – ħarġu

minn toqba fil-muskolatura abdominali biex il-musrana tbattal f'borża barra mill-ġisem (*colostomy*), u l-parti ta' isfel (*rectal stump*) – dik li twassal sa barra – għalaqha bi *staples* bil-ħsieb illi 'l quddiem, meta l-kundizzjoni tal-musrana tkun tippermetti, iż-żewġt itruf jerġgħu jingħaqqdu f'intervent ieħor u hekk il-pazjenta terġa' tikseb il-funzjonijiet normali tal-ġisem.

"Il-parti maqtugħa tal-musrana, twila disgħa u għoxrin ċentimetru (29cm), intbagħtet fid-Dipartiment tal-Patoloġija għal eżami mikroskopiku. Dan l-eżami ma weriex it-tiċrita li kien deherlu li ra l-Kirurgu Spiegowski – *no obvious perforation site is identified* – u lanqas xi infjammazzjoni – *no evidence of inflammation or malignancy* – iżda kien hemm sinjali konsistenti ma' *diverticulosis*.

"Hawnhekk għandu jingħad illi fir-rapport tal-esperti mediċi maħtura minn din il-Qorti biex jgħinuha ma jirriżultax ċar jekk it-tul ta' disgħa u għoxrin ċentimetru (29cm) mill-musrana li ntbagħtet għall-eżami mikroskopiku kienitx it-tul kollu li tneħħa jew biss parti minnu, jew jekk tneħħietx il-parti kollha marida. L-esperti qalu hekk:

""It-tul tal-*bowel specimen* (29cm) hija qasira, imma dan aħna soltu nsibuh fir-rapport tal-patologu. X'aktarx li ma indikax sew kemm tul ta' *sigmoid* qata' u neħħa Dr. Spiegowski[1]."

"Aktar 'il quddiem, iżda, meta wieġeb għall-mistoqsijiet tal-konvenuta, it-Tabib Kirurgu Griffiths kompla fisser illi:

""Dwar ir-rapport tal-patologu ta' *Saint Luke's Hospital* fuq il-materjal li rċieva u eżamina mill-operazzjoni ta' Dr. Spiegowski, għandi ngħid li wieħed ma jistax ikun jaf jekk l-attriċi sofrietx xi perforament tal-musrana u jekk sarulhiex xi suturi fil-musrana. Dan kollu għaliex Dr. Spiegowski għamel *partial colectomy* u għalhekk l-

[1] *Fol*. 434.

i*specimen* li ntbagħat lill-patologu huwa parti biss tal-musrana tal-attriċi[2].”

“Fl-14 ta’ Novembru 1998 sar l-intervent biex titneħħa l-*colostomy* u biex iż-żewġt itruf tal-musrana jerġgħu jitgħaqqdu flimkien (*reversal of Hartmann’s procedure*). Dan l-intervent sar mill-Konsulent Kirurgu Anthony Zammit. Bħal fl-interventi ta’ qabel, il-kirurgu sab diffikoltà kbira minħabba t-twaħħil tal-organi (*adhesions*), tant illi, minkejja l-ħila u l-esperjenza twila tiegħu, ma setax isib u jidentifika r-*rectal stump* tal-musrana illi kienet imwaħħla mal-bużżieqa tal-awrina b’mod illi, li kieku fittex li jifridha, seta’ għamel ħsara kbira lill-pazjenta. Għalhekk ma kompliex l-intervent u l-*colostomy* kellha titħalla fil-post. X’aktarx illi t-twaħħil tal-organi jsir agħar aktar ma jgħaddi żmien, u għalhekk x’aktarx illi l-attriċi jkollha tibqa’ b’*colostomy* għal għomorha.

“Għalhekk illum l-attriċi għad ma għandhiex il-funzjonijiet normali kollha tal-ġisem u x’aktarx illi ma hijiex sejra terġa’ tiksibhom. Minħabba f’hekk, l-esperti maħtura mill-Qorti huma tal-fehma illi għandha debilità li ma tfieqx minnha ta’ sittin fil-mija (60%).
“Għandu jingħad ukoll illi l-Konsulent Kirurgu Zammit xehed illi waqt dan l-aħħar intervent ra sutura – *stitch remnant* – tgħum fil-bużżieqa tal-awrina. Stqarr ukoll illi waqt dan l-intervent ġara li hu wkoll laqat l-imsaren superfiċjalment u kellu jħithom. F’dan il-kuntest tajjeb li jingħad ukoll illi l-esperti mediċi fir-rapport tagħhom qalu illi “dan l-inċident [li tintlaqat il-musrana] jista’ (u ġie li) jinqala’ lil kwalunkwe kirurgu f’ċirkustanzi simili[3]”.

“Il-kwistjoni quddiem din il-Qorti issa hi jekk għad-disgrazzja li seħħet lill-attriċi taħtix il-konvenuta. Effettivament, kif qalu l-esperti mediċi, “il-qofol kollu ta’ din il-kawża jorbot ma’ jekk waqt l-operazzjoni ta’ Dr Astrid Camilleri fuq Tessie Ellul fis-6 ta’ Mejju 1998 saritx xi ħsara lill-musrana[4]”.

---

2 *Foll.* 512[b] *et seq.*
3 *Fol.* 431.
4 *Fol.* 423.

“Kemm l-esperti mediċi fir-rapport tagħhom kif ukoll l-atturi fin-nota ta’ osservazzjonijiet semmew xi nuqqasijiet li jgħidu illi hemm fil-mod kif imxiet il-konvenuta. Il-Qorti sejra tqis dawn l-episodji wieħed wieħed, iżda tosserva illi l-kwistjoni ma hijiex biss jekk kienx hemm nuqqasijiet tal-konvenuta, iżda jekk kienx hemm ir-rabta kawżali biex tista’ tgħid illi dawn in-nuqqasijiet – jekk kien hemm – wasslu għall-ħsara li ġarrbet l-attriċi.

“L-ewwel osservazzjoni li saret mill-esperti kienet dwar it-tip ta’ inċiżjoni magħmula mill-konvenuta. Rajna illi biex tagħmel l-intervent għat-tneħħija tal-għenieqed il-konvenuta għażlet illi tagħmel inċiżjoni orizzontali u baxxa – *Pfannenstiel incision*. Wara li qalu illi, fil-fehma tagħhom, il-konvenuta hija kompetenti biex tagħmel operazzjoni ta’ dan it-tip, u illi d-deċiżjoni li ssir l-operazzjoni kienet ġustifikata[5], u osservaw illi kien hemm diffikoltà mhix mistennija minħabba fil-kwantità ta’ twaħħil (*adhesions*), l-esperti komplew jgħidu hekk:

““Hawnhekk inħossu l-bżonn li ngħidu li fl-opinjoni tagħna Dr. Astrid Camilleri u Dr. Savona Ventura, malli rrejalizzaw x’diffikultajiet straordinarji kellhom quddiemhom, kien imisshom jippruvaw li jkollhom aċċess aħjar għall-*operation site,* jew billi jestendu l-*Pfannenstiel incision* tagħhom, jew aħjar billi jżidu magħha inċiżjoni vertikali adegwata. Ma għandna l-ebda xhieda li dan ippruvaw jagħmluh. Fil-fatt, minħabba dawn id-diffikultajiet tekniċi li kienu qegħdin iġibu riskji li ssir xi ħsara serja jekk jitkompla l-intervent, ma sar l-ebda tentativ biex jitneħħa l-għanqud tal-bajd tal-lemin u ġie deċiż li l-operazzjoni titwaqqaf hemm. Għalhekk iż-żaqq ingħalqet wara li gie inserit *Redivac drain* (tubu għall-aspirazzjoni tal-likwidi), miżura meħtieġa u prudenti f’operazzjonijiet bħal dawn[6].

“Il-fatt illi l-inċiżjoni ma tatx aċċess tajjeb u biżżejjed għall-organi li kellu jsir l-intervent fuqhom u dawk ta’ madwar iżid il-possibbiltà illi waqt l-intervent jintlaqat xi organu bi

[5] *Fol*. 426.
[6] *Fol*. 427.

żball. Din ma hijiex prova konkluživa illi tassew intlaqtet il-musrana; fil-fatt l-esperti mediċi setgħu jikkonkludu biss illi:

""Dwar jekk saritx xi ħsara fil-musrana, … … … ngħidu illi dan l-inċident jista' (u ġie li) jinqala' lil kwalunkwe kirurgu f'ċirkostanzi simili. Biss ikolna nirrepetu r-riżerva tagħna li ma nafu la jekk saritx xi ħsara, la jekk sarx xi tentativ biex il-ħsara tissewwa, u lanqas jekk dan it-tentativ sarx bix-xjenza u l-attenzjoni meħtieġa[7]."

"Madankollu, il-fatt illi l-inċiżjoni setgħet saret aħjar meta tqis is-sitwazzjoni li dehret hekk kif infetħet iż-żaqq huwa fattur relevanti illi l-Qorti trid tqisu flimkien mal-fatturi l-oħra li sejrin jissemmew.

"L-esperti komplew jgħidu illi, meta l-konvenuta sabet it-twaħħil tal-organi li ħolqilha diffikultajiet aktar milli stenniet, l-għaqal kien jitlob illi jissejjaħ kirurgu speċjalizzat biex jgħin:

""Jekk mhux fil-bidu nett bil-preżenza tal-*adhesions* ċertament setgħu nqalgħu diffikultajiet (ħsara serja bħal perforament tal-imsaren jew tal-bużżieqa tal-awrina li riedu jiġu msewwija) fil-kors tal-operazzjoni. Il-prudenza titlob li jkun hemm kirurgu intestinali jew *urologist* imdorri jkopri dawn l-emergenzi[8]."

"Il-konvenuta dan ma għamlitux u, jekk tassew intlaqtet il-musrana waqt l-intervent li kompliet tagħmlu l-konvenuta, in-nuqqas li jissejjaħ kirurgu speċjalizzat ikun fattur relevanti ieħor li l-Qorti tqisu biex tara kienx nuqqas tal-konvenuta li wassal għall-ħsara.

"Fin-nota ta' osservazzjonijiet tagħhom l-atturi jkomplu jgħidu illi l-konvenuta ma tathomx it-tagħrif kollu meħtieġ dwar il-komplikazzjonijiet li setgħu nqalgħu waqt l-intervent. Il-Qorti iżda hija tal-fehma illi ma għandhiex tidħol fil-kwistjoni ta' sa fejn jasal id-dmir tat-tabib illi jagħti

---

[7] *Fol*. 431.
[8] *Fol*. 458.

informazzjoni lill-pazjent u jekk il-konvenuta wettqitx dan id-dmir, billi ma jidhirx li jista' jkun hemm rabta bejn dan in-nuqqas – jekk kien hemm – u l-ħsara li ġarrbet l-attriċi.

"L-istess jingħad dwar in-nuqqas tal-konvenuta li tgħarraf lill-atturi illi, waqt l-intervent, kienet sejra jkollha l-għajnuna tal-Kirurgu Ġinekologu Charles Savona Ventura. Ċertament kien jedd tal-attriċi li tkun taf min kien kull kirurgu li kien sejjer jieħu sehem fl-intervent, u kien id-dmir tal-konvenuta li tagħtiha dan it-tagħrif, ladarba l-konvenuta kienet il-kirurgu ewlenija fdata mill-attriċi; madankollu ma jidher li kien hemm ebda rabta bejn dan in-nuqqas ta' tagħrif u d-dannu li ġarrbet l-attriċi. Kien ikun mod ieħor li kieku l-konvenuta nqdiet bil-għajnuna ta' min ma kienx kompetenti li jieħu sehem fl-intervent, iżda ma hemm ebda dubju dwar il-kompetenza u l-ħila tal-Kirurgu Ġinekologu Charles Savona Ventura.

"L-istess jingħad dwar in-nuqqas tal-konvenuta li tgħarraf lill-attriċi illi waqt l-intervent tas-6 ta' Mejju 1998 ma tneħħewx iż-żewġ għenieqed, għalkemm dan huwa kontestat mill-konvenuta. Ċertament illi l-attriċi kellha jedd li tkun mgħarrfa jekk intlaħqux l-għanijiet kollha tal-intervent, iżda ma ntwera li hemm ebda rabta ta' kawża u effett bejn dan in-nuqqas – jekk kien hemm – u l-ħsara. Lanqas ma ntwera illi n-nuqqas tat-tneħħija tat-tieni għanqud kien fattur, jew wieħed mill-fatturi, li wassal għall-ħsara.

"Lanqas ma jidher li huwa partikolarment relevanti l-fatt illi l-intervent sar fi sptar privat minkejja x-xewqa tal-atturi li jsir fl-Isptar San Luqa. Il-parir tal-konvenuta li l-intervent isir bla dewmien kien parir għaqli fid-dawl ta' dak li kien magħruf dak iż-żmien, u lanqas ma tressqet xi prova illi l-ħsara seħħet għax l-intervent sar fi sptar u mhux f'ieħor, jew illi l-ħsara ma kienitx isseħħ li kieku l-intervent sar fl-Isptar San Luqa.

"Nerġgħu lura għall-kwistjoni – li, kif qalu l-esperti mediċi, hija l-qofol tal-kawża – jekk waqt l-intervent magħmul mill-konvenuta intlaqtitx il-musrana. Rajna illi, fil-fehma tal-esperti, hija ħaġa li tiġri illi, minkejja l-ħila u l-għaqal tal-

kirurgu, tintlaqat il-musrana. L-esperti qalu wkoll illi l-possibbiltà li dan jiġri waqt intervent bħal dak li għamlet il-konvenuta tkun akbar minħabba l-pożizzjoni anatomika tal-organi:

"“Peress illi s-*sigmoid (pelvic) colon* hija proprju dik il-parti tal-musrana kbira li bilfors iltaqgħu magħha Drs Camilleri u Savona Ventura fit-tentativ tagħhom li jneħħu l-*left tubo-ovarian cystic mass*, u nafu ċert li kollox kien midfun, imwaħħal u mkebbeb b'*dense adhesions* li kellhom jiġu separati *by sharp dissection*, fil-ġudizzju tagħna kien hemm riskju kbir ferm li fil-kors ta' din is-separazzjoni s-*sigmoid colon* jisfa mtaqqab jew imċarrat[9]."

"Dan il-perikolu jkompli jikber minħabba t-twaħħil tal-organi (*adhesions*) u n-natura tal-inċiżjoni – *Pfannenstiel incision* – li għamlet il-konvenuta.

"Il-konvenuta u l-Kirurgu Ġinekologu Charles Savona Ventura jiċħdu illi sar intervent fuq il-musrana u għalhekk ma jistax ikun li din intlaqtet. Hawnhekk, fil-fehma tal-Qorti, hija meħtieġa analiżi aktar attenta u dettaljata tax-xhieda li ta l-Kirurgu Ġinekologu Savona Ventura.

"Dan xehed l-ewwel darba b'*affidavit* maħluf fit-18 ta' Jannar 1999[10] u qal illi *"I concurred with Dr. Camilleri's opinion that no bowel surgery was indicated at this point in time"*. Meta mbagħad xehed fit-12 ta' Lulju 2002 fisser x'jifhem bil-kliem *"bowel surgery"*:

"“… … … *bowel surgery* huwa kull kirurġija fejn tintmiss il-musrana, inkluż meta jkun hemm il-musrana mwaħħla u qed tissepara dik il-musrana mit-twaħħil li hemm. Biex tasal għall-*ovary* l-oħra bħal ma wasalna għall-ewwel *ovary* li tneħħiet, biex tasal għall-*ovary* l-oħra, ried wieħed ikompli jissepara l-musrana minn dak is-sit, u għaldaqstant, minħabba ċ-ċirkustanzi tal-każ, tal-kundizzjoni li kienet li ma kienitx ta' periklu għall-ħajja tal-pazjenta, ma kienx hemm lok li jsir iżjed *bowel surgery*

9 *Fol*. 433.
10 *Fol*. 225.

biex tirrilaxxja l-għanqud tal-bajd l-ieħor u jitneħħa. … … … Jekk tneħħi l-aderenzi mill-musrana hija parti minn *bowel surgery*[11]*.*"

"Il-konvenuta iżda ma qablitx ma' din it-tifsira u qalet illi li "tneħħi t-twaħħil u tagħmel *bowel surgery* huma affarijiet kompletament differenti[12]". Il-konvenuta qalet ukoll illi għamlet intervent biex tifred il-musrana mit-twaħħil, *i.e.* għamlet dak illi l-Kirurgu Ġinekologu Savona Ventura, bla ma taqbel miegħu l-konvenuta, sejjaħlu *bowel surgery*. Il-konvenuta qalet hekk:

""Meta jiena ftaħt iż-żaqq fis-6 ta' Mejju 1998, jiena sibt li l-imsaren kienu mwaħħlin b'mod ħafna iżjed mis-soltu; kien hemm ħafna twaħħil. Infatti kien hemm twaħħil mill-imsaren kollha mwaħħlin flimkien … … … Ovvjament l-għenieqed tal-bajd kienu mwaħħlin bl-istess mod, u minħabba li kienu mwaħħlin kienu pjuttost fil-fond, moħbijin bl-imsaren. Jiena bil-mod bdejt biex nissepara l-musrana fuq in-naħa tax-xellug biex ovvjament nasal għall-għanqud tal-bajd ta' dik in-naħa. Ovvjament kelli bżonn ftit iżjed ħin u paċenzja, imma bil-mod wasalt: jiena neħħejt dan l-għanqud tal-bajd; neħħejtu kemm jista' jkun kompletament minħabba t-twaħħil li kien hemm … … …[13]"

"Dan juri illi fil-fatt, minkejja dak li qal l-Kirurgu Ġinekologu Savona Ventura, saret *bowel surgery* fis-sens li jifhem dak it-terminu hu, u għalhekk hija x'aktarx enigmatika u li tħassbek l-istqarrija tiegħu fl-*affidavit* illi "*I concurred with Dr. Camilleri's opinion that no bowel surgery was indicated at this point in time*".

"F'kull każ, hemm l-istqarrija tal-konvenuta stess illi, bla ma għamlet *bowel surgery* kif tifhem dak it-terminu hi, messet l-imsaren għall-inqas biex tifridhom mit-twaħħil.

"Nerġgħu lura għall-mistoqsija: waqt li kienet qiegħda tifred l-imsaren, laqtithom u taqqbithom jew ċartithom?

---

[11] *Foll.* 325 *et seq.*
[12] *Fol.* 302
[13] *Fol.* 278.

"Fil-fehma tal-Qorti, it-tweġiba x'aktarx hija iva milli le. L-indikazzjonijiet li jippuntaw lejn din it-tweġiba huma dawn:

"1. il-fatt illi l-imsaren intmessew b'intervent ta' *sharp dissection*;

"2. il-fatt illi, minħabba l-pożizzjoni anatomika tal-organi, "kien hemm riskju kbir ferm li fil-kors ta' din is-separazzjoni s-*sigmoid colon* jisfa mtaqqab jew imċarrat", kif qalu l-esperti;

"3. il-fatt illi l-*Pfannenstiel incision* tfixkel l-aċċess għall-organi;
Dawn imsemmija fuq huma fatturi ġeneriċi li jżidu r-riskju, u mhux li juru illi fil-każ partikolari ġara hekk; aktar speċifiċi għall-każ tal-lum huma dawn li sejrin jissemmew:

"4. il-fatt illi l-Kirurgu Spiegowski effettivament ra *perforated sigmoid colon* waqt li kien qed jagħmel l-intervent tat-23 ta' Mejju 1998; u

"5. il-fatt illi s-sintomi li bihom l-attriċi ddaħħlet l-isptar fit-23 ta' Mejju 1998 kienu ta' *peritonite* – "*pelvic peritonitis* kawżata minn *bacterial contamination*[14]" – minħabba tiċrit tal-musrana.

"Dwar ir-raba' fattur imsemmi fuq – illi l-Kirurgu Spiegowski ra t-tiċrita fil-musrana – il-konvenuta tgħid illi dan huwa kontradett minn dak li sab il-patologu wara eżami tal-musrana fil-laboratorju, illi "*no obvious perforation site is identified*". Semmiet ukoll il-fehma li taw ix-xhieda esperti, il-Konsulent Kirurgu Anthony Zammit u l-Konsulent Kirurgu Godfrey Laferla, illi x'aktarx illi l-Kirurgu Spiegowski kellu biss impressjoni, żbaljata, li kien hemm tiċrit tal-musrana. Rajna, iżda, illi fil-fehma tal-espert mediku l-Kirurgu Victor Griffiths dan ma huwiex konklużiv: "Dwar ir-rapport tal-patologu ta' *Saint Luke's Hospital* fuq il-materjal li rċieva u eżamina mill-operazzjoni ta' Dr. Spiegowski, għandi ngħid li wieħed ma jistax ikun jaf jekk

14 Rapport ta' l-esperti mediċi, *fol*. 433.

l-attriċi sofrietx xi perforament tal-musrana u jekk sarulhiex xi suturi fil-musrana”[15].

“Dwar il-ħames fattur – illi s-sintomi ta’ *peritonite* seħħew fit-23 ta’ Mejju 1998, sbatax-il jum wara l-intervent magħmul mill-konvenuta – il-konvenuta osservat illi sbatax-il jum huwa żmien twil wisq, għax kieku kien hemm tiċrit jew titqib tal-musrana s-sintomi kienu joħorġu matul is-sitt ijiem li l-attriċi damet l-isptar wara l-intervent, u mhux daqshekk żmien wara[16].  Qalet wkoll illi l-kawża ta’ għawġ kienet l-istat patoloġiku tal-musrana nfisha, u mhux għax intlaqtet waqt l-intervent.

“Dwar l-element taż-żmien l-esperti mediċi qalu hekk:

““It-traġedja hija illi anki meta l-kirurgu jinduna fil-pront li għandu musrana danneġġjata serjament u jirnexxielu jirrimedja b’suturi, *etc.*, bl-akbar reqqa u attenzjoni, jibqa’ jista’ jinqala’ għawġ kbir għax wara xi ġimgħa jew tnejn jew tlieta jistgħu jċedu s-suturi (“*give way*”), speċjalment suturi fuq il-*colon* (il-musrana l-kbira), u jkun hemm periklu qawwi ta’ *peritonite*[17]*.*”

“Għalhekk, il-fatt illi s-sintomi seħħew bejn ġimagħtejn u tlieta wara l-intervent ma jfissirx illi l-inċident ma setax seħħ waqt l-intervent.

“Dwar x’kienet il-kawża tat-titqib – jekk hux għax il-musrana ntlaqtet waqt l-intervent jew għax kellha patoloġija minn qabel – l-esperti mediċi osservaw illi:

““Rarissimu huwa *spontaneous perforation* fejn musrana normali mingħajr mard jew difetti tittaqqab weħedha għal xejn b’xejn.  Musrana marida b’infjammazzjoni, tumuri, etc. tista’ wkoll tittaqqab f’xi parti fjakka jew imħassra.  Il-*left colon* (*descending and sigmoid colon*) huwa ħafna suġġett li fl-adulti jiżviluppa difett (speci ta’ diġenerattiv) fejn jifformaw bżieżaq (*diverticula*) fejn il-*wall* tal-musrana

---

15 *Foll.* 512$^{b}$ *et seq.*

16 Ara x-xiehda tal-Prof. Godfrey Laferla fis-seduta tat-12 ta’ Lulju 2002, *foll.* 380 *et seq.*

17 *Fol.* 431.

tkun irqieqa u fjakka, u l-*wall* tad-*diverticuli* jsir biss rita rqiqa ferm u għalhekk jista jinfaqa' specjalment b'infjammazzjoni, *etc*. Wieħed jista' jkollu mijiet ta' *diverticula* għal ħafna snin u ma jbati b'xejn, imma ħafna nies bi ftit *diverticula* jsofru minn *diverticular disease* sintomatika u soġġetta wkoll għal ċerti komplikazzjonijiet bħal infjammazzjoni u anki perforament[18]."

"F'dan il-kuntest huwa relevanti kemm dak li sab il-Kirurgu Spiegowski – *"inflammatory diverticular mass of sigmoid colon with adhesions*" – u kemm dak li nstab waqt l-eżami tal-patologu:

""There are focal areas of thinning (3 areas) with intervening segments of thickening of the bowel wall. No obvious perforation site is identified. On section the firm areas show thickened walls of the bowel. Micro: Bowel: Sections reveal areas of muscle wall thickening alternating with thinning of the muscularis. No evidence of inflammation or malignancy. The appearance is consistent with diverticulosis."

"Il-konvenuta mbagħad qalet hekk dwar l-istorja medika preċedenti ta' l-attriċi:

""Is-Sinjura Ellul sadanittant qatt ma kellha jew iddeskriviet sintomi oħra, xejn li għandu x'jaqsam ma' stonku, msaren … … … Mrs. Ellul qatt ma tat storja ta' problemi fl-imsaren, qatt ma qalet li kien ikollha xi dardir jew uġigħ jew problemi fl-ippurgar … … …[19]"

"Dawn l-osservazzjonijiet juru illi x'aktarx li ma kienx hemm tiċrit spontanju jew ħsara oħra spontanja, jew, għall-inqas, probabbiltà hekk għolja ta' ħsara spontanja illi tegħleb l-osservazzjoni tal-Kirurgu

"Spiegowski li pożitivament ra *perforated sigmoid colon*.

---

18 *Fol*. 433.
19 *Foll*. 276 *et seq*.

"Dan kollu jwassal lill-Qorti biex temmen illi x'aktarx iva milli le l-ħsara seħħet għax waqt l-intervent magħmul mill-konvenuta ntlaqtet il-musrana.

"Dan il-fatt, waħdu, ma jġibx miegħu ħtija u responsabbiltà awtomatika tal-konvenuta. Rajna illi inċident bħal din jista' jiġri lil kull kirurgu, u fil-fatt ġara wkoll lill-Konsulent Kirurgu Anthony Zammit meta kien qiegħed ifittex li jagħmel *reversal of Hartmann's procedure*. Mhux kull meta intervent ma jirnexxix, jew kull meta waqt xi intervent issir xi ħsara, ikollu jwieġeb il-kirurgu, għax ir-responsabbiltà ma hijiex awtomatika iżda biss fil-każ ta' nuqqas ta' għaqal jew ta' ħila. Li kieku ma kienx hekk, interventi riskjużi, fejn il-possibbiltà li ma jirnexxux jew li ssir xi ħsara tkun għolja, ma ssib lil ebda kirurgu li lest li jidħol għalihom minħabba l-biża' li jkollu jwieġeb jekk xi ħaġa tmur ħażin, u ċertament ma huwiex fl-interess pubbliku li jiġri hekk, u ma hijiex ħaġa li l-liġi tfittex li tiksibha.

"Fil-każ tal-lum, iżda, il-Qorti tara li kien hemm nuqqas tal-konvenuta minħabba f'dawn ir-raġunijiet:

"1. il-fatt illi għażlet li tagħmel *Pfannenstiel incision*; għalkemm jidher illi, qabel ma nfetħet il-pazjenta u dehret il-kundizzjoni x'kienet, l-għażla ta' dik l-inċiżjoni kienet tajba, meta dehru l-kumplikazzjonijiet minħabba t-twaħħil (*adhesions*), il-konvenuta kien imissha tfittex li jkollha aċċess aħjar, kemm biex tnaqqas il-possibbiltà ta' ħsara u kemm biex ittejjeb il-possibbiltà li jintlaħaq il-għan tal-intervent u jitneħħew iż-żewġ għenieqed, kif, wara kollox, seħħlu li jagħmel il-Kirurgu Ġinekologu Marcus Pace meta għamel inċiżjoni li kienet aktar indikata fiċ-ċirkostanzi;

"2. il-fatt illi, meta rat il-kumplikazzjonijiet, ma fittxitx il-għajnuna ta' kirurgu speċjalizzat f'dak il-qasam, kif qalu l-esperti mediċi:

""Jekk mhux fil-bidu nett bil-preżenza tal-*adhesions* ċertament setgħu nqalgħu diffikultajiet (ħsara serja bħal perforament tal-imsaren jew tal-bużżieqa tal-awrina li riedu jiġu msewwija) fil-kors tal-operazzjoni. Il-prudenza

titlob li jkun hemm kirurgu intestinali jew *urologist* imdorri jkopri dawn l-emergenzi[20].“

“3. aktar u aktar kien imissha l-konvenuta fittxet għajnuna speċjalizzata meta ntebħet li laqtet il-musrana; il-Qorti fil-fatt temmen illi l-konvenuta ntebħet li taqqbet jew ċarrtet il-musrana u fittxet li ssewwiha hi – li ma kienx hekk, u li kieku ma ntebħitx bil-ferita u ma fittxitx li ssewwiha, is-sintomi kienu jidhru qabel, u mhux sbatax-il jum wara, meta ċedew is-suturi. X’aktarx illi, li kieku kien kirurgu speċjalizzat li sewwa l-ħsara wara li kiseb aċċess tajjeb għall-ferita, kieku l-ferita ma kienitx terġa’ tinfetaħ u ma kienx jinqala’ l-għawġ;

“4. il-fatt illi wara l-intervent il-konvenuta ma baqgħetx iżżomm kuntatt mal-pazjenta biex tieħu l-prekawzjonijiet meħtieġa sakemm ikun telaq jew naqas sew il-periklu ta’ xi għawġ minħabba fil-ferita lill-musrana. Dwar dan l-esperti mediċi qalu hekk fit-tweġibiet tagħhom għall-mistoqsijiet li għamlulhom l-atturi:

““… … … fil-kirurġija tal-colon, li għandna esperjenza sewwa tagħha, l-iżjed komplikazzjoni serja li <u>spiss</u> niltaqgħu magħha, u li wisq nibżgħu minnha, hija li meta nkunu għamilna suturi fil-colon, għalkemm bl-akbar reqqa u mingħajr diffikoltà, u wara jkun jidher li kollox sejjer sewwa u ħarir, xorta wara ġimgħa jew tnejn jew anke tlieta s-suturi jistgħu “jinħallu” jew iċedu u tfaqqa’ l-*peritonite*. Għal din it-traġedja nistgħu ngħidu (kif jgħidu l-ingliżi) pazjent li kellu suturar tal-colon ma tistax tgħid illi hu out of the woods qabel ġimgħat sħaħ ta’ konvalexxenza. … … … [I]l-post-operative care fejn hemm xi <u>possibbiltà</u> li tinqala’ xi komplikazzjoni wara operazzjoni maġġura fiż-żaqq huwa prudenti li jinżamm kuntatt mal-pazjent għall-inqas għal xi ġimgħa jew tnejn, tagħtih xi kura “preventiva” kif jidhirlek, u pariri ċari dwar fiex irid joqgħod attent. Fi ftit kliem, tajjeb li anke taħseb fil-ħażin, u tipprova tilqa’ għal kollox[21].”

[20] *Fol*. 458.
[21] *Foll*. 462 *et seq*.

“Jidher li l-konvenuta dan naqset li tagħmlu.

“5. ikompli jsaħħaħ il-konklużjoni li l-konvenuta żbaljat, u għarfet li żbaljat, il-fatt illi lill-atturi ma qaltilhom b’xejn, la li ntlaqtet il-musrana u lanqas illi ma seħħilhiex li ttemm l-intervent bir-riżultat mixtieq, *i.e.* li jitneħħew iż-żewġ għenieqed; għalkemm, fih innifsu, dan il-fatt ma jikkontribwixxix għall-ħtija, huwa indikattiv tal-ġudizzju li għamlet il-konvenuta stess tal-għemil tagħha.

“Il-Qorti għalhekk hija tal-fehma illi l-konvenuta ma mxietx bil-għaqal meħtieġ u mistenni fil-qadi tal-professjoni tagħha.

“Ngħaddu issa għal-likwidazzjoni tad-danni.

“L-esperti mediċi maħtura mill-Qorti sabu illi l-attriċi għandha debilità li ma tfieqx minnha ta’ sittin fil-mija (60%).

“Meta seħħ l-inċident fl-1998 l-attriċi kellha erbgħa u erbgħin (44) sena. L-attriċi hija mara tad-dar, u għalhekk tagħmel xogħol li ma tieqafx minnu meta tilħaq l-età tal-pensjoni. Ix-xogħol tad-dar huwa xogħol li ma titħallasx tiegħu; madankollu, dan ma jfissirx illi huwa xogħol li ma għandux valur ekonomiku.

“Wara li qieset dawn il-fatturi, il-Qorti hija tal-fehma illi *multiplier* xieraq ikun dak ta’ għoxrin (20) sena, u dħul medju ta’ tmint elef Euro (€8,000) fis-sena, għall-għanijiet tal-likwidazzjoni tal-*lucrum cessans*, meta tqis x’kienet il-paga minima nazzjonali fl-1998, iż-żjidiet li x’aktarx jingħataw fil-ġejjieni, u t-tul tal-*multiplier*, ukoll ikun wieħed xieraq.

*“Lucrum cessans* għalhekk jiġi €8,000 × 60% × 20 sena = €96,000 (sitta u disgħin elf Euro).

“L-attriċi sejra tieħu l-vantaġġ li tieħu bil-quddiem id-dħul tal-ġejjieni; madankollu, ġà għaddew nofs is-snin tal-*multiplier* u għalhekk l-attriċi sejra tieħu parti sew mill-kumpens b’lura. Fid-dawl ta’ dawn il-konsiderazzjonijiet il-

Qorti hija tal-fehma illi ma għandux isir it-tnaqqis magħruf bħala dak tal-*lump sum payment*, iżda l-imgħaxijiet għandhom jibdew jgħaddu biss mil-lum.

“L-atturi ma humiex qegħdin jitolbu kumpens għal *damnum emergens*.”

Rat ir-rikors tal-appell tal-konvenuta li in forza tieghu, ghar-ragunijiet hemm premessi, talbet li din il-Qorti:

“......joghgobha tirrevoka s-sentenza moghtija mill-Onorabbli Prim Awla tal-Qorti Civili fid-29 ta’ April 2008, fl-ismijiet premessi, tiddikjara illi l-appellanti ma hijiex responsabbli ghall-hsara fuq il-persuna tal-attrici, u ghad-danni kollha li sofrew l-atturi in konnesjoni mal-operazzjoni li l-appellanti ghamlet lill-attrici fis-6 ta’ Mejju 1998 u minflok tichad it-talbiet tal-atturi illum appellati bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-atturi illum appellati.”

Rat ir-risposta tal-atturi li in forza taghha, ghar-ragunijiet hemm premessi, talbu li din il-Qorti:

“......joghgobha tichad l-appell tal-konvenuta u tikkonferma s-sentenza appellata fl-ismijiet premessi moghtija fid-29 ta’ April 2008. Bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-konvenuta appellanti.”

Semghet lid-difensuri tal-partijiet fl-udjenza tas-17 ta’ Marzu 2010;

Rat u fliet l-atti kollha tal-kawza bir-reqqa kif ukoll id-dokumenti esebiti, u ezaminat partikolarment ir-rapport li hejjew l-periti medici nominati mill-ewwel Qorti (Prof. Victor Griffiths u Dr. Lino German) u r-risposti taghhom in eskussjoni;

Ikkunsidrat:

F’din il-kawza l-attrici Tessie Ellul giet operata mill-konvenuta Dr. Astrid Camilleri, bl-assistenza ta’ Dr. Charles Savona Ventura, fl-isptar St. Philip. Hi qed tallega li minhabba nuqqas ta’ professjonalita` u prudenza

da parti tal-istess Dr. Camilleri, hi sofriet dizabilita` permanenti kemm fil-gisem taghha kif ukoll hsara ta' natura psikologika, u talbet li jigi likwidat kumpens ghad-danni li garrbet u li l-konvenuta tigi kkundannata thallas dak l-ammont hekk likwidat. L-ewwel Qorti hatret zewg esperti medici biex jassistuha fl-istharrig, esperti li anke ppartecipaw attivament waqt is-smiegh tal-provi li semghet l-istess Qorti. Eventwalment, dik il-Qorti sabet li l-konvenuta ghandha twiegeb ghall-hsara li garrbet l-attrici, u kkundannat lill-konvenuta thallas in linea ta' danni, is-somma ta' €96,000.

Il-konvenuta appellat minn din is-sentenza, u qed titlob lil din il-Qorti sabiex tezamina mill-gdid il-provi u ssib li, fil-verita`, hi m'ghandhiex tinzamm responsabbli ghal hsara jew hsarat li qed tilmenta minnhom l-attrici.

Din il-Qorti tibda biex tghid li ghalkemm hu veru li, bhala principju, f'materja ta' apprezzament ta' provi, "l-apprezzament tal-fatti mill-Qorti tal-ewwel grad m'ghandux jigi ddisturbat minn Qorti ta' kompetenza superjuri" (ara **Agius v. Agius**, deciza minn din il-Qorti, Sede Inferjuri, fit-2 ta' Dicembru 1995), revizjoni ta' din ix-xorta hi konsentita meta mill-massa tal-provi jirrizulta li l-ewwel Qorti kienet zbaljata jew azzardata fil-konkluzjoni taghha. Fil-fehma ta' din il-Qorti, f'dan il-kaz, il-konkluzjoni li waslet ghaliha l-ewwel Qorti ma tirrizultax gustifikata bil-provi.

Din il-Qorti tghid ukoll li ghada taqbel ma' dak li qal Lord Denning fil-kaz Ingliz **Hucks v. Cole**, deciza fl-1969, u li ghaliha hemm referenza fil-kawza **Borg v. Fiorini**, deciza mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fit-18 ta' Lulju 1994, fis-sens illi:

*"A charge of professional negligence against a medical man was serious. It stood on different footing to a charge of negligence against the driver of a motor car. The consequences were far more serious. It affected his professional status and reputation. The burden of proof was correspondingly greater. As the charge was so grave, so should the proof be clear."*

Kif qalet din il-Qorti fil-kaz **Gauci v. Felice**, deciza fil-31 ta' Ottubru 2008, ir-relazzjoni bejn tabib u pazjent tixbah aktar in-natura ta' kuntratt, b'dan, pero`, li mit-tabib mhux mistenni dejjem rizultat pozittiv, ghax l-obbligazzjoni tieghu mhux dik *di risultato* izda *di mezzi*, fis-sens li l-obbligu tat-tabib huwa deskritt bhala li *"egli e` tenuto ad usare la diligenza che la natura dell'attivita` esercitata esige"* (Corte Cassazione d'Italia, 21 ta' Lulju 1989; kaz Numru 3476). Dan ifisser li filwaqt li t-tabib ikun irid jipprova li hu agixxa kif il-professjoni tistenna minnu, il-pazjent irid juri, fl-ewwel lok, li gara xi haga hazina waqt l-intervent kirugiku, xi haga, jigifieri, mhux mistennija li ssehh f'operazzjoni ta' dik ix-xorta.

F'dan il-kaz, ic-cirkostanzi li wasslu ghal din il-kawza, jinsabu deskritti fil-parti preliminari tas-sentenza tal-ewwel Qorti u mhux mehtieg li jsir re-epilogu tal-fatti wkoll f'dan l-istadju. Kif osservaw il-periti medici u kif qalet ukoll l-ewwel Qorti, il-qofol kollu ta' din il-kawza jorbot ma' jekk waqt l-operazzjoni tal-konvenuta fuq l-attrici fis-6 ta' Mejju 1998 saritx xi hsara lill-musrana. L-ewwel Qorti, wara li ezaminat il-provi, qalet li "x'aktarx iva milli le" il-konvenuta, waqt l-intervent, laqtet u cartet jew taqbet il-musrana tal-attrici. Huwa fuq dan il-punt kardinali li din il-Qorti ma taqbilx mal-ewwel Qorti.

L-esperti medici mqabbda mill-Qorti <u>ma setghux jikkonkludu jekk saritx hsara lill-musrana tal-attrici waqt l-intervent tal-konvenuta</u>. Huma ghamluha cara li "ma nafux jekk saritx xi hsara", u fil-konkluzjoni taghhom regghu tennew illi "ma nistghux naghtu risposta <u>ezatta</u>, <u>kompleta</u> u <u>cara</u> ghad-domanda krucjali tal-'hsara fil-musrana', ghax dan jitlob provi u certezza li ahna m'ghandniex." Fid-dawl tal-principju li, ghal kaz ta' *professional negligence*, *"the burden of proof was correspondingly greater"*, din il-Qorti tara li anke minn din il-konkluzjoni biss, it-talba attrici kellha tigi michuda. Ic-cirkostanza li l-periti kienu sprovisti mix-xhieda tan-nurse Josianne Cachia u tas-*surgeon* Dr. Spiegowski – tal-ewwel kienet l-i*scrub nurse* fl-operazzjoni li saret fl-isptar St. Philip, waqt li t-tieni kien il-kirurgu principali li kien responsabbli ghall-operazzjoni li sehhet fl-isptar San Luqa

f'Mejju tal-1998 – m'ghandux jittiehed kontra l-konvenuta. Huwa l-obbligu tal-atturi li jaghmlu l-prova tan-ness bejn l-operazzjoni tal-konvenuta u l-hsara li kellha l-attrici, u jekk dan ma setghux jaghmluh fil-grad li trid il-ligi, allura l-prova ma tkunx saret. Jigi rimarkat ukoll li x-xhieda ta' Josiane Cachia, li hi residenti fl-Ingilterra, ittiehdet bil-procedura tar-rogatorji, u l-fatt li din ma setghetx titfa' wisq dawl fuq l-operazzjoni li ghamlet il-konvenuta minhabba l-mod kif sarula d-domandi u ghax ma thallietx tara l-*file* tal-isptar, m'ghandux jittiehed "kontra" l-konvenuta.

L-ewwel Qorti strahet hafna fuq l-Operation Report ta' Dr. Spiegowski, dak li wettaq operazzjoni fuq l-attrici xi hmistax wara l-operazzjoni tal-konvenuta. Dan, fl-Operation Findings, kiteb*: "Peritonitis – Perforated Sigmoid Colon"*. Dan il-kirurgu jinghad li ma setax jinstab biex jixhed, u ghalkemm id-dokument innifsu kien producibbli bhala prova, il-fatt li l-konvenuta giet mcahda milli taghmel skrutinju ta' dan ix-xhud importanti, ghandu jittiehed in konsiderazzjoni fl-analizi ta' din il-'prova'.

Dan qed jinghad ukoll ghax mix-xhieda ta' Mr. Anthony Zammit, il-kirurgu li ghamel ir-raba' operazzjoni fuq il-konvenuta u li tkellem ma' Dr. Spiegowski meta dan wettaq l-intervent tieghu, inxtehed dubju serju dwar kemm fil-fatt kien hemm *"perforated sigmoid colon"*. Dan ix-xhud – li allura, fl-assenza ta' Dr. Spiegowski, assuma certa importanza – qal li meta ra r-rapport hu wkoll haseb li dik kienet il-kundizjoni tal-attrici, pero`, wara li tkellem ma' Dr. Spiegowski sab li din kienet biss l-impressjoni tieghu. Mr. Zammit irrimarka kemm-il darba li meta kellem lil Dr. Spiegowski dan qallu li kellu biss impressjoni li l-musrana kienet perforata. Hu spjega li meta Dr. Spiegowski ra l-infjammazzjoni u l-materja haseb li kien hemm perforazzjoni u ddecieda li jopera biex jelimina dik il-problema. Dan ix-xhud ripetutament uza kliem fis-sens li Dr. Spiegowski "deherlu" jew "issuspetta" li kien hemm hsara, u li kellu "impressjoni" li hekk kien il-kaz. Dan id-diskors idghajjef mhux ftit dak li rregistra Dr. Spiegowski fir-rapport tieghu.

Il-Profs. Godfrey Laferla, xhud tal-konvenuta, mitlub jikkumenta fuq dak li rregistra fil-*file* Dr. Spiegowski, spjega li meta tiftah pazjenta u tara dawk l-*adhesions* kollha u l-affarijiet ma jkunux kollha daqshekk *in black and white*, facli jkollok "impressjoni" li kien hemm perforament, u jekk tara evidenza illi tissuggerilek illi hemm perforament, per ezempju, massa materja f'relazzjoni mal-musrana, allura tikteb *"perforated diverticular disease"*. Dan ma jfissirx, pero`, li necessarjament ikun hemm *perforation*. Hu, fil-fatt, in segwitu` qal li wara li ezamina r-*records* tal-attrici jeskludi li kien hemm perforazzjoni fil-musrana.

L-esperti medici rrelataw ukoll illi "ahna nibqghu bid-dubju x'ried ifisser Dr. Spiegowski b'*perforated sigmoid colon*" (sottolinear ta' din il-Qorti). Jekk l-esperti fil-materja, wara li huma wkoll semghu x-xhieda, baqghu "bid-dubju", il-principju ghandu jkun li dan id-dubju ghandu jigi rizolt favur il-konvenuta.

Apparti dan, Mr. Zammit, li, wiehed irid jirregistra, kien xhud tal-atturi, wara studju li ghamel tal-kaz u minn dak li ra waqt l-intervent tieghu fuq l-attrici, elimina kategorikament li kien hemm hsara fil-musrana. Fuq domandi li sarulu kemm mill-Qorti kif ukoll mill-Avukat tal-attrici, hu cahad b'mod car li kien hemm *perforation*. Il-Qorti staqsietu, "Jekk fhimtek sew, ma nstabx li kien hemm *perforation*", u hu wiegeb "Le, le" u Zied li ma kienx hemm *"internal source of infection".* Fuq domanda tal-avukat tal-atturi, rega' qal li l-musrana ma gietx milquta direttament, u li "ma kien hemm l-ebda perforazzjoni gol-musrana". F'ebda mument fid-desposizzjoni twila tieghu ma' dan ix-xhud tefa' dubju fuq dan. Ghal darba ohra, fuq domanda tal-Qorti, l-istess xhud elimina bhala kawza tal-infezzjoni d-*diverticulitis* u *perforation* tal-musrana. Hu spjega li, fil-fehma tieghu, Dr. Spiegowski ghamel sew li wettaq operazzjoni, ghax meta tara dawk is-sintomi, is-suspett jaqa' fuq *peritonite*, u allura tkun trid tiftah "halli tara x'qed jigri fiz-zaqq", u jkun wara dan l-intervent li tkun tista' tghid ezatt x'kienet il-kawza tal-infjammazzjoni.

Dan Mr. Zammit xehed ukoll li l-kawza tal-infjammazzjoni li kellha l-attrici kien rizultat ta' *"a developing pelvic abscess"*. Hu spjega li l-attrici kellha infezzjoni n-naha tal-*pelvis*, "gol-*pelvis* in-naha ta' isfel, jigifieri materja u infezzjoni tan-naha tal-*pelvis* isfel, li allura dik kienet attakkat l-organi li kienu hemmhekk f'dawk in-nahat, jigifieri bhalma hija l-musrana l-kbira, li giet attakkata aktar min-naha ta' barra milli giet min-naha ta' gewwa". Ix-xhud insista li "fil-fatt ma kien hemm l-ebda perforament tal-musrana", u, fil-fehma tal-Qorti, stqarrija aktar cara minn din difficli ssibha!

Jirrizulta wkoll li fl-intervent ta' Dr. Spiegowski inqatghet parti minn dik il-musrana l-kbira, cioe`, dik il-parti li kienet iffjamata u din intbghatet ghat-testijiet. Kontra l-allegazzjoni tal-atturi li kienet parti biss <u>mill-musrana maqtuha</u> li ntbghatet ghat-test, l-istess Mr. Zammit qal li "Dak li tnehha intbaghat ghall-ezami". Mill-ezami tal-musrana maqtugha instab li parti kienet hoxna u parti kienet irqiqa izda wkoll li *"No obvious perforation site is identified"*. Ovvjament, mhux il-musrana kollha giet ittestjata, pero`, dik biss maqtugha. Din kienet il-parti milquta bl-infjammazzjoni u fiha ma nstabu ebda sinjali ta' perforazzjoni. Dan ir-rizultat jikkonferma d-djanosi li ghamel l-istess Mr. Zammit.

Apparti dan hemm ix-xhieda tal-Professur Godfrey Laferla (xhud prodott ex parte mill-konvenuta) li hejja rapport wara li ezamina r-*records* tal-kaz u kkonkluda *"that there was no bowel perforation"* u kien hemm nieqes *"any palpable evidence of bowel perforation".* L-istess xehed il-Professur Charles Savona Ventura li assista lill-konvenuta fl-operazzjoni li ghamlet fl-isptar St. Philip. Mistoqsi jekk waqt l-operazzjoni gietx milquta l-musrana, hu wiegeb b'mod kategoriku li le. Dan apparti cahda kategorika wkoll da parti tal-istess konvenuta.

L-atturi jaghmlu enfasi fuq konversazzjoni li sehhet bejn l-attur u l-konvenuta wara l-operazzjoni ta' Dr. Spiegowski. F'dik il-konversazzjoni, is-Sur Ellul qal lill-konvenuta li lilu kienu qalulu li fl-intervent ta' qabel li ghamlet hi kienet giet milquta l-musrana. Dak il-hin, cioe` fil-kuntest ta' din il-

konversazzjoni qasira, il-konvenuta ma kkontestatx dan, pero`, kif hi spjegat, ma dehrilhiex li dak il-mument, bl-attrici marida hafna, kien mument opportun li tidhol f'polemika mal-attur u tinsisti li ma kienx hemm perforazzjoni, kif kien jirrizulta car mill-*file* stess tal-isptar. Din il-Qorti tapprezza din ir-reazzjoni. Tabib rinfaccjat b'allegazzjoni ta' xi hadd x'qal lil xi hadd, u dan meta lil dik l-ewwel persuna jkunu ghadhom kemm qalulu li martu kellha madwar hames sieghat hajja kieku ma sarx l-intervent, jaghmel tajjeb jekk, f'dak il-mument ma jidholx f'polemika u jmeri x'seta' qallu, jew fehem li qallu, haddiehor. Ir-reazzjoni kienet gustifikata u zgur ma tistax tittiehed bhala xi forma ta' ammissjoni ta' htija.

F'dan il-kuntest, tajjeb li jigi nnotat ukoll li, mill-provi, jidher li l-attrici ppruvat timplika lix-xhud Mr. Zammit f'diskors kompromettenti ghall-konvenuta; hu, pero`, cahad li qal id-diskors attribwit lilu. Hekk, hu cahad li qalilha xi haga fis-sens "ser naghmel l-izball ta' haddiehor", filwaqt li mistoqsi qalx lill-attrici l-kliem "missewlha l-musrana", hu wiegeb "Le, dak ma niftakrux", ghalkemm stqarr li seta qal xi kliem f'dak is-sens meta ra r-rapport ta' Dr. Spiegowski, jigifieri qabel ma tkellem mal-istess kirurgu u ghamel l-analizi tieghu. L-istess xhud cahad ukoll li, f'xi zmien qal lill-attrici li dak li gara kien kollu rizultat ta' li gara f'St. Philip's. Dan kollu jitfa' dubju serju dwar il-kredibbilita` tal-attrici.

Gie muri wkoll li, waqt l-intervent tieghu fuq l-attrici, Mr. Zammit sab *suture* fil-*bladder*, bl-implikazzjoni li allura zgur li l-konvenuta messet il-musrana u ppruvat issewwi t-ticrita. Din il-konkluzjoni, pero`, ma tregix. Mir-*records* tal-intervent li sehh fl-isptar St. Philip ma jirrizultax li l-musrana iccartet u giet imsewwija b'*sutures*. Lanqas ma hu normali li *suture* tibqa' fil-*bladder* ghall-madwar xahar, ghax kif spjega l-istess Mr. Zammit, normalment haga bhal din il-pazjenta tghaddih b'mod normali, specjalment meta tqis li, kif inhu ppruvat, ghal kwazi ghaxart ijiem wara l-operazzjoni tal-konvenuta, il-pazjenta kienet tiekol u tipporga normali. Ma giex eskluz li dak is-*suture* seta' kien hemm wara l-intervent ta' Dr. Spiegowski. Inoltre, intqal li dak is-*suture* kienet tat-tip *vicryl*, waqt li l-konvenuta qalet li hi tuza suturi *chronic catgut*. Fid-dawl

tal-provi l-ohra, dan il-fatt ftit li xejn jista’ jitfa’ dawl fuq dak li sehh waqt l-intervent tal-konvenuta.

L-ewwel Qorti strahet ukoll fuq ic-cirkostanza li filwaqt tal-intervent taghha, il-konvenuta kellha taghmel diversi *dissections* minhabba l-hafna *adhesions* li kellha madwar iz-zaqq. L-esperti medici qalu li b’dan l-intervent hemm riskju kbir li fil-kors ta’ din is-separazzjoni s-*sigmoid colon* jisfa mtaqqab jew imcarrat. Il-fatt, pero`, li hemm “riskju kbir” ma jfissirx li hekk gara. Il-fatt, per ezempju, li l-gar jaghmel xoghlijiet fil-fond tieghu, u wara, il-vicin isofri hsarat fil-fond tieghu, ma jfissirx li gie ppruvat in-ness ta’ kawzalita` bejn ix-xoghol u l-hsara (ara per ezempju, **Mifsud v. Daramanin**, deciza mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fis-16 ta’ Marzu 2003 u **Baldacchino v. Frendo Cumbo**, deciza minn din il-Qorti, Sede Inferjuri, fis-6 ta’ Frar 2008).

Interessanti huma s-sentenzi ricenti moghtija mill-High Court of Australia fit-3 ta’ Marzu 2010, fil-kawzi **Amaco Pty Ltd v. Ellis noe**, **The State of South Australia v. Ellis noe** u **Millennium Inorganic Chemicals Ltd. v. Ellis noe** (Teresa Ellis f’kull kaz kienet qed tidher fil-vesti taghha ta’ ezekutur ta’ Paul Steven Cotton li miet b’*lung cancer*). Kien allegat li dan Cotton, ghalkemm kien ipejjep, kien miet peress li kien espost ghal *asbestos fibres* tul l-impieg twil tieghu. Il-kwistjoni kienet jekk, bhala fatt, Cotton mietx kagun li hu kien espost ghall-*asbestos fibres*, li hu accettat li jista’ jwassal ghall-kankru fil-pulmun. Fil-fehma tal-Qorti, ma giex ippruvat ness bejn l-*asbestos* u l-kankru li garrab Cotton: *“Knowing that inhaling asbestos can cause cancer does not entail that in this case it probably did”*. L-istess Qorti kompliet tghid li *“Saying only that exposure to asbestos may have been a cause of Mr. Cotton’s cancer, is not a sufficient basis for attributing legal responsabbility”.* Ghalhekk, mill-fatt li, f’dan il-kaz, kien hemm “riskju kbir” li tintlaqat il-musrana, ma jfissirx li intlaqet, specjalment meta tqis ix-xhieda ta’ Mr. Zammit li eskluda li kien hemm perforazzjoni tal-musrana.

L-ewwel Qorti qieset ukoll illi l-*Pfannennstiel incision* li ghamlet il-konvenuta tfixkel l-access ghall-organi. Apparti l-fatt li hawn ghadna fl-isfera tal-ipotesi, ma jirrizultax li kienet id-direzzjoni tal-fetha li fixklet lill-konvenuta sal-istadju li kienet waslet. Il-konvenuta sabet diffikulta minhabba l-kwantita` ta’ *adhesions* li kellha l-attrici, u wara li tnehhiet dik tax-xellug ma dehriliex li kellha tkompli bl-intervent biex tnehhi wkoll l-ghanqud tal-bajd tan-naha tal-lemin. Hija indunat bir-riskju li kien hemm jekk tkompli bl-intervent, u waqfet il-process qabel id-direzzjoni tal-qata’ setghet tfixkilha. Fil-fatt, l-esperti medici qalu illi kieku l-konvenuta kabbret l-*incision*, forsi l-operazzjoni setghet titkompla. Dan juri li l-*incision*, kif saret, ghall-intervent li lahaq sar, ma kienx ta’ tfixkil. L-istess periti qalu wkoll li minhabba l-problema tal-*adhesions,* il-konvenuta “ma wrietx nuqqas ta’ professjonalita` bil-fatt li kellha thalli l-operazzjoni mhux kompluta”.

Tajjeb li jizdied li dwar id-direzzjoni tal-qata’, il-periti medici osservaw li dik in-natura ta’ *incision* “hija favorita” minn hafna ginekologi u ostetrici, u li fil-fehma taghhom l-ghazla ta’ *Pfannenstiel incision* ma tikkostitwix nuqqas serju min-naha ta’ Dr. Camilleri. Zgur li ma jistax jinghad li l-konvenuta, bl-ghazla li ghamlet, naqset milli tagixxi skond *standards* medici soltu adottati minn kirurgu kompetenti.

Il-kumment tal-ewwel Qorti li meta l-attrici dahlet l-isptar fit-23 Mejju 1998, is-sintomi kienu juru li kellha *peritonite* “minhabba ticrit tal-musrana” mhux kompletament korrett; dan ma jirrizultax u ghal konkluzjoni simili ma kienux waslu lanqas l-esperti medici. Jekk wiehed jara d-*discharge summary* tal-attrici, dan ma jghidx li l-attrici dahlet b’sintomi ta’ *peritonitis*, izda li dahlet b’*intestinal obstruction*. Hu veru li, ghall-bidu, it-tobba tal-isptar San Luqa kienu qed jikkontemplaw kull tip ta’ possibilita`, ghax f’dak l-istadju ta’ dhul b’emergenza ma jista’ jigi eskluz xejn, pero`, d-djanjosi inizjali tat-tobba jirrizulta li tbiddlet mat-tlett darbiet, u fl-ahhar, kif inghad, gie registrat li l-pazjenta iddahlet fl-isptar b’*intestinal obstruction*.

Mill-fatt li l-konvenuta, fid-*discharge letter* tal-attrici, wara li ddeskriviet it-tip ta' operazzjoni li wettqet, nizlet il-kelma *'none'* hdejn *'complications'*, ma jistax jigi dezunt, kif qed jippruvaw jaghmlu l-atturi, li l-konvenuta riedet 'tahbi' xi haga. Fil-fatt, komplikazzjonijiet ma nqalghux ghax il-konvenuta interrompiet l-intervent meta rat il-problemi li kellha l-attrici minhabba l-kwantita` kbira ta' *adhesions* li kien hemm. L-anestetista li kien prezenti mal-konvenuta tul l-operazzjoni kollha, Dr. Adrian Padovani, xehed li, fl-operazzjoni, kien hemm certu diffikulta` minhabba fl-*adhesions*, "pero`, xi diffikulta` straordinarja ma niftakarx illi kien hemm".

Minn dak li rrizulta mill-provi, din il-Qorti jidhrilha li, x'aktarx iva milli le, illi kienet il-kundizzjoni ta' divertikolozi li kellha l-attrici li waslet ghall-infjammazzjoni li sab f'zaqqha Dr. Spiegowski. Mr. Zammit fix-xhieda tieghu, wara li qal li ma kienx hemm l-ebda perforament tal-musrana, qal li dak li kien hemm kien *"a developing pelvic abscess"*, li ma kellu x'jaqsam xejn mal-operazzjoni tal-konvenuta. Jidher li l-kundizzjoni ta' divertikolozi li kellha l-attrici ma kienitx ghada waslet fl-istadju ta' divertikolite jew perforament tal-musrana, imma jidher li kienet waslet ghal infjammazzjoni tal-musrana li, bhalma spjegaw il-periti medici u l-kirurgu Mr. Zammit, hija wahda mill-komplikazzjonijiet li tista' ggib id-divertikolozi. Wiehed ma jridx jinsa li l-attrici kienet tbati hafna b'ugieh fiz-zaqq, tant li fl-istorja taghha fl-isptar hemm registrat li *"apparently similar episode in the past which subsided with conservative treatment".* Il-konvenuta qalet li l-istess attrici qaltilha li f'okkazzjonijiet qabel, kellha dan it-tip ta' ugieh.

Minbarra dan, fil-fehma ta' din il-Qorti, lanqas ma jirrizulta li d-dizabbilita` li ghada ssofri l-attrici kienet konsegwenza diretta tal-operazzjoni tal-konvenuta. Kif qalu l-periti medici, huma stabbilew percentwali ta' dizabbilita` peress li l-attrici se jkollha tibqa tuza "borza" ghall-hmieg, jigifieri ghandha titqies li tinsab fi stat ta' *permanent colastomy*. Din il-kundizzjoni, pero`, ma kienitx rizultat tal-operazzjoni tal-konvenuta. Kien Dr. Spiegowski li qata' bicca mill-musrana (wara suspett mhux fondat ta' perforazzjoni), u r-

*reversal* tal-Hartmann *procedure* (it-tnehhija tal-“borza”) ma setax isir minn Mr. Zammit minhabba l-kwantita` ta’ *adhesions* li kellha l-attrici, li kienu deskritti bhala *cocooning*. Mr. Zammit qal li hu stenna li jsib *adhesions*, pero`, qatt ma stenna li jsib *cacooning* u kienet din il-kundizzjoni li waslet lill-attrici li jkollha tibqa’ tuza kuljum il-“borza”. Kien l-intervent ta’ Dr. Spiegowski li wassal ghall-kundizzjoni li tinsab fiha l-attrici, u dak l-intervent, jirrizulta, ma kienx mehtieg minhabba xi haga li ghamlet il-konvenuta, imma minhabba l-kundizzjoni tal-attrici stess.

Il-periti teknici ccensuraw lill-konvenuta talli din naqset li tirraporta lill-atturi bl-informazzjoni shiha u onesta dwar dak kollu li sar jew ma sarx waqt l-operazzjoni. Dan jista’ jkun jitqies bhala ksur ta’ etika da parti tal-konvenuta, pero`, bl-ebda mod ma jista’ jinfluwixxi fuq il-mod professjonali kif wettqet l-operazzjoni. Ghal bqija l-*post-operative care* tal-attrici da parti tal-konvenuta kien kif wiehed jistenna f’kazijiet bhal dawn la darba ma nqalawx problemi. Kif spjega Mr. Zammit, “meta int rajt illi dan deni aktar m’ghandux, qed jiekol, qed jippurga, m’ghandux ugiegh u affarijiet hekk, inti tghid, u nehhejt id-*drain*, m’ghandekx aktar x’jghidulu u kollox, inti tiddiscargjah”. Dan li gara f’dan il-kaz, u wara li harget mill-isptar, l-attrici ghamlet madwar gimgha ohra tiekol normali u bla problemi ta’ xejn.

La darba, allura, ma jirrizultax li l-konvenuta ghamlet xi “hsara” fuq l-attrici waqt l-intervent li sehh f’Mejju tal-1998, l-istess konvenuta ma tistax tinsab responsabbli ghad-danni allegatament subiti mill-attrici.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tiddisponi mill-appell interpost mill-konvenuta billi tilqa’ l-istess, thassar u tirrevoka s-sentenza moghtija mill-ewwel Qorti fid-29 ta’ April 2008, u minflok tghaddi biex tichad it-talbiet attrici, bl-ispejjez taz-zewg istanzi jithallsu mill-atturi appellati in solidum.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------